

32001D0579

31.7.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 205/39

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-30 ta' Lulju 2001

dwar il-pubblikazzjoni tar-referenza ta' l-istandard EN 71-1: 1998 "Is-Sigurtà tal-Ġugarelli - Parti 1: Il-Propjetajiet mekkaniċi u fiżiċi", il-Klawsola 4.20(d) skond id-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE

(innotifikata fid-dokument numru K(2001) 1905)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2001/579/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE tat-3 ta' Mejju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw is-sigurtà tal-ġugarelli ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti stabbilit skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-provediment tat-tagħrif fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi ⁽³⁾, kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE ⁽⁴⁾,

Billi:

- (1) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 88/378/KEE jipprovdi illi l-ġugarelli jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ma jipperikolawx is-sigurtà u/jew is-saħħa ta' min jużhom jew ta' partijiet terzi meta jintużaw b'mod li jista' jiġi previst, filwaqt li tinżamm fil-moħħ l-imġiba normali tat-tfal.
- (2) Fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 88/378/KEE, il-ġugarelli jitqiesu li jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali tas-sigurtà riferiti fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jekk ikunu ddikjarati li jkunu skond l-istandards armonizzati li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.
- (3) L-Istati Membri huma meħtieġa li jipubblikaw l-istandards nazzjonali billi jittrasponu l-istandards armonizzati.
- (4) Skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 88/378/KEE, il-Ġermanja u l-Awstrija bagħtu notifika li tinvoka klawsola ta' salvagwardja li tirrigwarda l-Klawsola 4.20(d) dwar l-istandard EN 71 "Is-Sigurtà tal-Ġugarelli - Parti 1: Il-Propjetajiet mekkaniċi u fiżiċi" - edizzjoni ta' l-1998: għamlu hekk fuq il-bażi li livell ta' l-ogħla emissjoni tal-prensa tal-ħoss ta' 140 dB, imkejjel f'distanza ta' 50cm mill-widna, kien għoli żżejjed u jista' joħloq ħsara għas-smiġħ fit-tfal.
- (5) Il-Kummissjoni, wara li eżaminat it-tagħrif issottomess mill-Ġermanja u l-Awstrija u wara li rċeviet l-opinjoni

tal-Kumitat Permanenti stabbilit bid-Direttiva 98/34/KE, iddeċidiet fil-20 ta' Lulju 1999 li teskludi mill-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* il-Klawsola 4.20(d) dwar l-istandard EN 71-1: 1998, li rigward tiegħu ma tikkonċedi l-ebda preżunzjoni ta' konformità mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 88/378/KEE.

- (6) Il-Kummissjoni ppublikat komunikazzjoni ⁽⁵⁾ fil-qafas tad-Direttiva 88/378/KEE, fejn telenka numru ta' standards Ewropej armonizzati approvati fil-15 ta' Lulju 1998 mill-Kumitat Ewropew ta' l-Istandardizzazzjoni (CEN). Din il-komunikazzjoni tinkludi l-istandard EN 71-1: 1998 dwar is-sigurtà tal-ġugarelli, iżda teskludi l-livell ta' l-ogħla emissjoni tal-prensa tal-ħoss *C-weighted* prodott minn ġugarell li juża kapsijiet ta' perkussjoni.
- (7) Ir-raġuni ta' l-eskluzzjoni kienet illi l-Klawsola 4.20(d) dwar l-istandard EN 71-1: 1998, ma setgħetx tiżgura s-sigurtà tal-ġugarelli meta wżati b'mod li jista' jiġi previst, filwaqt li tinżamm fil-moħħ l-imġiba normali tat-tfal, kif kien meħtieġ bl-Artikolu 2 tad-Direttiva 88/378/KEE.
- (8) Skond il-Klawsola 4.20(d) ta' l-istandard EN 71-1: 1998, il-livell ta' l-ogħla emissjoni tal-prensa tal-ħoss *C-weighted*, $L_{pc\ peak}$ prodott minn ġugarell li juża kapsijiet ta' perkussjoni ma jistax jaqbeż il-140 dB: fil-pożizzjoni tal-kejl li tikkorrispondi ma' 150-160 dB f'distanza ta' bejn wiehied u ieħor 2,5cm. Il-valur tal-limitu ta' 140 dB jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Lulju 2001, wara liema data l-valur tal-limitu jiġi ffissat għal 125 dB,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* tar-referenza għall-istandard armonizzat EN 71 "Is-Sigurtà tal-Ġugarelli - Parti 1: Il-Propjetajiet mekkaniċi u fiżiċi", kif adottat mill-Kumitat Ewropew ta' l-Istandardizzazzjoni (CEN) fil-15 ta' Lulju 1998 u kif muri fl-Anness, għandha tkun akkumpanjata bin-nota tat-tagħrif li ġejja:

"Il-Klawsola 4.20 ta l-istandard EN 71-1: 1998 għandha tippermetti l-preżunzjoni tal-konformità mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 88/378/KEE mill-1 ta' Awissu 2001 biss. Il-Klawsola 4.20(d) tipprovdi illi, minn din id-data, il-livell ta' l-ogħla emissjoni tal-prensa tal-ħoss *C-weighted*, prodott minn ġugarell li juża kapsijiet ta' perkussjoni, ma għandux jaqbeż il-125 dB, imkejjel kif speċifikat fl-istandard."

⁽¹⁾ ĠU L 187, tas-16.7.1988, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.08.1993, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 204, tal-21.07.1998, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU L 217, tal-5.08.1998, p. 18.

⁽⁵⁾ ĠU C 340, tas-27.11.1999, p. 69.

Artikolu 2

Meta, skond l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 88/378/KEE, l-Istati Membri jipublikaw ir-referenza ta' *standard* nazzjonali li jittrasponi l-*istandard* armonizzat EN 71-1:1998, għandhom jakkumpanjaw din il-pubblikazzjoni b'nota identika għal dik ipprovduta fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Awissu 2001.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Lulju 2001.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Il-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' l-istandards armonizzati Ewropej skond id-Direttiva 88/378/KEE

Il-Korp ta' l-Istandardizzazzjoni Ewropej	Ir-referenza	It-titolu ta' l-istandard armonizzat	Is-Sena tar-ratifika
CEN ⁽¹⁾	EN 71-1: 1998	Is-Sigurtà tal-Ġugarelli Parti 1: Propjetajiet mekkaniċi u fiżiċi	1998

⁽¹⁾ Comité européen de normalisation; www.cenorm.be.

NOTA TA' TAGĦRIF:

Il-Klawsola 4.20 ta' l-istandard EN 71-1: 1998 għandha tippermetti l-preżunzjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 88/378/KEE mill-1 ta' Awissu 2001 biss. Il-Klawsola 4.20(d) tipprovdi illi, minn din id-data, il-livell ta' l-ogħla emissjoni tal-prensa tal-ħoss *C-weighted*, prodott minn ġugarell li juża kapsijiet ta' perkussjoni, ma għandux jaqbeż il-125 dB, imkejfel kif speċifikat fl-istandard.

Nota:

- Kull tagħrif dwar id-disponibbiltà ta' l-istandards jista' jinkiseb jew mill-organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni jew mill-korpi nazzjonali ta' l-istandardizzazzjoni elenkati fl-Anness li jinsab mad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill ⁽¹⁾, emendata bid-Direttiva 98/48/KE ⁽²⁾.
- Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej ma għandhiex timplika illi l-istandards huma disponibbli fl-ilsna kollha tal-Komunità.

⁽¹⁾ ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 37.

⁽²⁾ ĠU L 217, tal-5.8.1998, p. 18.